MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 197/2013

Maria **Dolores magħrufa bħala Doris Lia u Catherine Debono**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat mill-atturi u ppreżentat fis-26 ta' Frar 2013 fejn ġie premess:

Illi r-rikorrenti huma wlied Maria Teresa Polidano, xebba Borg, li mietet fit-30 ta' Marzu 2010 u li kienet detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 644020M;

Illi omm ir-rikorrenti Maria Teresa Polidano kienet bin il-mejtin Giuseppe Borg u Dolores Borg xebba Sammut;

Illi fiċ-ċertifikat tal-mewt tal-istess Maria Teresa Polidano, liema ċertifikat iġib in-numru tmien mija sitta u sittin żbarra elfejn u għaxra (866/2010), u li l-estratt tiegħu jinsab anness u mmarkat bħala Dokument A, id-Direttur intimat niżżel taħt il-kolonna "Isem u kunjom il-ġenituri" illi omm il-mejta, kienet kunjomha xebba Zammit;

Illi dan huwa żbaljat għaliex omm il-mejta kienet kunjomha xebba Sammut u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikati tal-magħmudija kemm tal-mejta li qed jiġi anness bħala Dokument B, u wkoll ta' ommha li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dokument C;

Illi mid-dokument D, jirriżulta li omm ir-rikorrenti Maria Theresa xebba Borg, imwielda fl-20 t'Ottubru 1920, kienet bin Joseph Borg u M'Dolores Sammut.

Illi mid-dokument C jirriżulta li ommha, imwielda fit-18 t'Ottubru 1891 kienet mgħammda bl-isem Mary Dolores u kienet bint Francis Sammut u Therese xebba wkoll Sammut.

Illi għaldaqstant jirriżulta li ċ-ċertifikat tal-mewt ta' Maria Teresa Polidano huwa żbaljat u jeħtieġ li ssirlu korrezzjoni *stante* li dan l-iżball qiegħed iġib diffikultajiet lir-rikorrenti fosthom li qed iżomm lir-rikorrenti milli jaqsmu l-wirt tal-imsemmija Maria Teresa Polidano.

Illi r-rikorrenti ma huma bl-ebda mod responsabbli għal dan l-iżball u għaldaqstant m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' din il-kawża.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li omm Maria Teresa Polidano u ċjoe' Dolores kienet kunjomha xebba Sammut u mhux Zammit, kif ġie erronjament ġie ndikat fiċ-ċertifikat tal-mewt tagħha;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Maria Teresa Polidano (866/2010) jagħmel korrezzjoni fejn taħt il-kolonna *"Isem u kunjom il-Ġenituri"*, jiġi kanċellat il-kunjom Zammit u dana jiġi sostitwit bil-kunom *"Sammut"*;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel korrezzjoni f'ċertifikati oħra relattivi, jekk ikun il-każ, li jistgħu jirriżultaw fil-mori ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku preżentata fil-15 ta' Marzu 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in limine litis*, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti ġabu din il-kawża biex jikkoreġu kunjom xbubit omm ommhom, Maria Teresa Polidano fuq iċ-ċertifikat tal-mewt tal-istess omm;

3. Illi din it-talba m'għandhiex tintlaqa' fuq is-segwenti raġunijiet:

   a. Fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, u ċjoe' ta' Maria Teresa, hemm imniżżel bħala isem u kunjom ommha (n-nanna tar-rikorrenti) Dolores mart l-imsemmi Giuseppe Borg bint Francesco Zammit u għalhekk kunjom missier ommhom kien Zammit bil-konsegwenza li kunjom xbubit Dolores huwa għalhekk Zammit liema ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok MTP1;

   b. Fuq iċ-ċertifikat tal-mewt u l-kawża ta' dan li jintbagħat lir-Reġistru Pubbliku mill-isptar hemm indikat taħt *'name and surname of Parents & whether living or dead'* hemm imniżżel is-segwenti: *"Joseph Borg & M'Dolores Zammit"*, liema ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok MTP2;

   c. Fuq iċ-ċertifikat tal-mewt li nħareġ mid-Dipartiment tar-Reġistrazzjoni Ċivili a bazi tal-informazzjoni hekk kif dikjarata minn Maria Dolores Lia u ċjoe' waħda mir-rikorrenti li kunjom xbubita omm ommha huwa Zammit;

4. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli

għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, u dan għaliex kienet propju waħda mir-rikorrenti stess, u ċjoe’ Maria Dolores Lia, li kienet għamlet id-dikjarazzjoni fuq id-dokument iffirmat waqt in-notifika tal-mewt ta’ ommha Maria Teresa Polidano (kif hawn anness u mmarkat bħala Dok MTP3), u kienet anke ffirmat li l-informazzjoni li hemm kontenuta fiċ-ċertifikat tal-mewt kienet waħda korretta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat l-affidavits u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tat-15 ta’ Jannar 2014, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. F’dan il-każ l-atturi qed jitolbu korrezzjoni fiċ-ċertifikat tal-mewt ta’ ommhom fis-sens li kunjom xbubit omm l-istess ommhom jsir Sammut minflok Zammit.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament kif jidher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Marzu 2013.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress illi jirriżulta ċar li kunjom il-mejta Maria Teresa Polidano għandu jaqra Sammut – jidher li anke kien hemm xi żbalji f'ċertifikati preċedenti. Naturalment f'din il-kawża l-Qorti tista' tordna biss korrezzjonijiet fiċ-ċertifikati msemmija fir-rikors promotorju – f'dan il-każ iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Maria Teresa Polidano. Ma ġiex provat ebda ħtija lill-konvenut għall-akkadut u allura jsegwi illi ma għandux ibati spejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------